# Ex-Voto u Rigali Marjani Oħra F'għawdex

## b'riferenza speċjali għas-Santwarju ta' Pinu fl-istess gżira

Anton F. Attard B. A.

Qabel xejn xi tfisser 'ex-voto'? Ma nistgħux nifhmu sewwa din il-kitba jekk ma nkunux nafu mill-ewwel it-tfisira ta' din il-kelma preċiża li, għalkemm m'hix Maltija, b'dana kollu għandha impotanza kbira f'dik li hi storja reliġjuża ta' dawn il-ġżejjer. Ex-voto tfisser rigal mogħti lil Kristu nnifsu, lill-Madonna jew lil xi qaddis b'wegħda jew xewqa oħra l-aktar bħala radd ta' ħajr għal xi grazzja maqlugħa, u dan ir-rigal, b'mod viżibbli, juri bejn wieħed u ieħor il-grazzja li tkun inqalgħet. Ir-rigal ex-voto kienu jingħataw fl-imgħoddi u għandhom jingħataw saħansitra sa llum il-ġurnata.

Irridu ngħidu li dawn ir-rigali jistgħu jingħataw lil kull qaddis li jkun, imma xi qaddisin li jkollhom devozzjoni kbira jaqilgħu iżjed minn dawn ir-rigali. Il-Madonna hija l-qaddisa per eċċellenza li taqla' ħafna rigali ex-voto taħt id-diversi titoli tagħha. Xi qaddisin bħal Sant' Antnin u Santa Rita huma wkoll magħrufa sewwa għall-ex-voto li jiddubbaw. Anki Kristu Redentur jew Aċċjomu jaqla' kotra ta' rigali mingħand id-devoti. L-ex-voto jistgħu jkunu mobbli jew immobbli, jiġifieri oġġetti li jistgħu jinġarru minn post għal ieħor, inkella saħansitra bini, l-aktar bini ta' knejjes/kappelli jew niċeċ. Din kienet ir-raġuni għala fl-imgħoddi kien hawn kwantità kbira ta' knejjes u kappelli żgħar imxerrdin mal-kampanja kollha ta' Malta u Għawdex. Biex nagħtu eżempju, il-kappella li kien hemm fuq il-għolja ta' Dbieġi f'Għawdex, dedikata lill-Assunta, jingħad li kien bnieha kaptan ta' xini li sab ruħu f'tempesta fuq il-baħar u li kien wiegħed li jekk jeħles mill-għarqa jibni knisja ċkejkna fuq l-ewwel art li jilmaħ. U l-ewwel art li lemaħ kienet proprju l-quċċata tal-għolja ta' Dbieġi ġewwa Għawdex. Diversi niċeċ f'Għawdex għandhom ukoll l-istorja simili tagħhom u jafu l-oriġini tagħhom lil xi wegħda li kien għamel dak il-bniedem li bniehom, eżempju: il-Madonna ta' l-Anġli fix-Xagħra li sidha kien bnieha bħala ħajr talli l-Madonna ħelsitu mill-jasar tat-Torok.

Ċertament, l-ex-voto mobbli, jiġifieri dawk li jistgħu jittieħdu minn post għal ieħor, jisbqu bil-bosta lil dawk immobbli u għandhom l-istess tifisira. Ir-raġunijiet huma dawn: kulħadd jista' jagħmel wegħda li ma tantx tiswa flus, għax f'dawn l-affarijiet il-qalb kollox, u barra minn hekk, huma biss dawk li jkunu jifilħu jidħlu għall-ispejjeż sostanzjali li aktarx jindaħlu biex jagħmlu wegħdiet akbar minn dawk li jista' jagħmel kwalunkwe bniedem komuni, u saħansitra l-ifqar wieħed.

Għalxiex isiru l-wgħiedi? Hemm ħafna u ħafna raġunijiet, fosthom: li wieħed ifiq mill-mard, li wieħed jaqla' xi grazzja speċjali, li wieħed jirnexxi f'xi ħaġa u jkun irid irodd ħajr, li wieħed jeħles b'wiċċ il-ġid minn xi biċċa inkwiet, u fl-imgħoddi kien hemm ukoll il-ħelsien mill-jasar. Hawn ma rridux ninsew li l-jasar kien problema u istituzzjoni ta' għajb li dari kienet iġġib magħha ħafna tbatijia u miżerja.

Ħalli issa naraw kif ikunu r-rigali li jingħataw bħala ex-voto. Nibdew bid-diżgrazzji. Ħafna nies li jeħilsuha ħafif minn xi diżgrazzja arahom jordnaw kwadru li jirrappreżenta dik id-diżgrazzja. Ħelsien mill-għarqa, naraw kwadru b'qoxra tal-baħar titqalleb qalb il-mewġ bin-nies fuqha u *inset* xbieha tal-Madonna qiegħda tħares lejn dawk in-nies fil-periklu li jitilfu ħajjithom. Waqgħa mill-għoli, hawnhekk naraw xena tad-diżgrazzja u l-Madonna tħares bil-ħlewwa u fil-*caption* naqraw kif dak l-isfortunat ħeles minn mewta żgura bl-interċessjoni tal-Madonna li dak il-ħin qalilha talba qasira u ħelsitu. Kwadri bħal dawn jinsabu f'dawk il-knejjes u s-santwarji kollha f'Malta u Għawdex li jgawdu d-devozzjoni tal-poplu.

Niġu issa għall-fejqam mill-mard. Hawnhekk l-ex-voto jistgħu jkunu kemm kwadri kif ukoll figuri u oġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-mard. Kwadru bi bniedem qiegħed imut jista' jfisser li dak il-bniedem kien wasal fil-punt tal-mewt, imma l-Madonna jew il-qaddis li lilu ngħata l-ex-voto, ikun fejqu u wara għex bosta snin qawwi u sħiħ. Fejqan f'xi parti partikolari tal-ġisem jista' jitfisser' ex-voto tal-fidda li juri dik il-parti tal-ġisem li tkun fieqet: par għajnejn tal-fidda, sieq tal-fidda, sider femminili, id, jew widna tal-fidda, figura ta' tarbija tal-fidda, insomma kull parti tal-ġisem li tkun fieqet bl-interċessjoni tal-Madonna jew ta' xi qaddis.

Dwar il-mard irridu ngħidu wkoll li xi drabi l-marid iħalli t-tifkira tal-mard tiegħu, li minnu jkun ħeles, bħala ex-voto. Minn dawn l-ex-voto f'Ta' Pinu, Għawdex, hemm kemm trid. Fost dawn l-affarijiet minn meta kont żgħir kienu jimpressjonawni żewġ krozzi li tħallew hemm minn dak il-pazjent li bil-għajnun tal-Madonna ma kellux bżonnhom iżjed.

Liema huma dawk il-knejjes u s-santwarji fejn jitħallew l-ex-voto? Dawn huma diversi u jinsabu mxerrdin ma' Malta u Għawdex. Ngħiduha kif inhi. Kull knisja, kull kappella, kull santwarju jistgħu jitħallew fih kwadri, oġġetti, u affarijiet oħra mogħtija bħala ex-voto. Insemmi bħala eżempji s-Santwarju tal-Ħlas f'Ħal Qormi u l-Knisja tal-Mensija f'San Ġiljan u f'Għawdex, is-Santwarju tal-Qala, ta' Pinu u l-knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, fejn kienu jitħallew diversi ex-voto lil Sant'Antnin. Jingħad li l-istatwa titulari ta' San Ġorġ Martri tar-Rabat, Għawdex, nofsha tħallset bħala ex-voto.

L-ex-voto għandhom importanza kbira mhux biss mil-lat reliġjuż imma wkoll mil-lat storiku-folkoristiku. Mil-lat reliġjuż għaliex jurina b'mod l-iżjed ċar fejn tħabbat je fejn kienet tħabbat il-qalb ta' niesna f'każijiet ta' bżonn jew ta' għajnuna. Mil-ex-voto nistgħu nkunu nafu liema kienu dawk il-qaddisin l-aktar imfittxa fl-imgħoddi u d-devozzjoni li kellu lejhom il-poplu ta' dawn il-gżejjer.

Mil-lat storiku-folkloristiku l-ex-voto għandhom

interess kbir ħafna. Il-kwadri mpinġija ex-voto aktar iva milli le juruna kif kienu jilbsu dari niesna ta' l-imgħoddi, jew aħjar fiż-żmien ta' meta tpinġia il-kwadru. Għalhekk, jekk wieħed idur dawra sewwa dawn il-kwadri, u anki xi drabi l-kwadri titulari ta' xi kappelli, wieħed jista' faċilment jiddeskrivi bosta kostumi u drawwiet Maltin u Għawdxin ta' l-imgħoddi.

Billi l-oġġetti u l-kwadri ex-voto artistikament ma jkunx fihom valur intrinsiku kbir, anzi ħafna drabi jkunu xogħol tad-dilettanti, fl-imgħoddi kien hemm it-tendenza li meta jgħaddi ħafna żmien minn fuqhom u jitkagħbru, dawn l-oġġetti kienu jintremew. Patri Manwel Magri, S. J., missier il-folklor Malti, jilmeta kif ħafna oġġetti ex-voto qodma li darba kien hemm fis-Santwarju Nazzjonali tal-Qala f'jum ħażin inqerdu kollha fuq ordni ta' xi ras kbira fil-knisja ta' Malta. U r-raġuni? Għax dawn l-ex-voto kienu qegħdin jokkupaw ħafna spazju prezzjuż fis-Santwarju! Jiena ċert li min ta ordni bħal din ma kienx jaf bil-ħsara li qiegħed jagħmel. Kellu raġun jilmenta l-Patri Ġiżwita Malti li tant kellu għal qalbu l-istudju tal-folklor Malti u Għawdxi, u li f'Għawdex nistgħu ngħidu li sab għalqa verġni minfejn ġabar il-kotra l-kbira tal-materijal folklorisiku tiegħu li hu mbagħad xandar fis-sensiela "X'igħid il-Malti" fil-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien maħruġa fil-bidu ta'dan is-seklu mis-Sur Fons Maria Galea. Fl-aħħar nett irrid insemmi xorta ta' ex-voto li ma jiswa ebda flus, imma żgur li min jagħmlu, kien jagħmel hekk għaliex kien iħoss li għandu jħalli tifkira ta' xi ħaġa li turi l-fidi tiegħu fil-Madonna (jew il-qaddis li jkun) u tal-għajnuna li jkun ra fis-siegħa tal-bżonn. Dawn huma l-graffiti li naraw f'xi santwarji. Per eżempju, mal-ħajt tas-Santwarju tal-Qala hemm diversi graffiti ta' ġfien u mriekeb tal-baħar li żgur li tħażżu hemm min xi ħadd li meta kien fuq il-baħar talab il-għajnuna tal-Madonna tal-Qala u qalagħha, u ried iħalli tifkira ta' dan billi pinġa d-dgħajsa jew il-mirkeb fuq il-ħajt tas-Santwarju.

Ngħaddi issa għal xi ħaġa oħra aktar speċjali.

Biex wieħed jieħu idea tar-rigali li taqla' l-Madonna ta' Pinu, issa se nikkwota mid-Devot ta' Marija tas-sena 1888 meta d-devozzjoni lejn dan is-Santwarju nistgħu ngħidu li kienet għadha fil-bidu tagħha. Wieħed għandu għax jibqa' impressjonat bid-devozzjoni u l-imħabba kbira tal-polu Malti u Għawdxi lejn l-Assunta ta' Pinu. Ix-xahar imsemmi hu meta ġiet ippubbikata l-lista msemmija u mhux meta ngħataw l-affarijiet:

**Frar, 1888:** Fost ir-rigali u l-offerti ta' dan ix-xahar, barra miż-żejt, li qatt ma naqas għalkemm id-devoti dejjem jieħdu u bosta jinħaraq fis-Santwarju, barra mix-xama', li għalkemm sitta dejjem jixegħlu quddiem l-immaġni ta' Marija, dejjem jiżdied, nosservaw diversi ċrieket u msielet tad-deheb u tal-fidda, plattin tal-fidda indurat li jiżen madwar 11-il uqija, u kalci tal-fidda ta' xogħol l-aktar sabiħ, it-tnejn mibgħutin mis-Sinjur G.S.A. neguzjant fil-Belt ta' Malta; salib tad-deheb antik maħdum filugranu, imżejjen b'sitt topazji sbieħ wisq, mogħti mill-M. Rev. Patri Georgrju Vella, Prijur ta' Sant'Wistin, a nom ta' persuna Maltija. Bosta ex-voto oħrajn jinsabu mdendlin madwar l-immaġni ta' Marija, u ma' kullimkien nisimgħu grazzi ġodda maqlugħin bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu tant f'Għawdex kemm f' Malta u f'pajjiżi oħra.

**April, 1888:** Ir-rigali li qalgħet f'dan ix-xahar il-Madonna ta' Pinu, barra minn kwantita' kbira ta' żejt, xama' u flus, kienu: 15-il par imsielet tad-deheb u par tal-fidda; katina b'medaljun tad-deheb; ċintill tad-deheb maħdum *a giorno* bil-perli ddestinat għal għonq il-Madonna; labra tad-deheb; salib tad-deheb imżejjen b'erba' gebliet bojod u topazju; leġiju għall-Missal tal-metal arġentat; 4 ex-voto tal-fidda; 4 kandlieri żgħar tal-metall arġertat; 2 oħra bil-lavur madwarhom; 2 brazzi tar-ram indurat bil-lampi tal-kristall; ma' qasbtejn brukkat aħmar; 3 trieħi ta' l-altar imdawrin bil-puntina ta' Għawdex; 6 korporali; 9 palli; 14-il purifikatur; 8 imkatar ta' fuq l-ampulluzzi; girlanda tal-ward artifiċjali u torċa ta' Franza mibgħuta minn Tuneż.

**Mejju, 1888:** Ir-rigli li qalgħet il-Madonna f'dan ix-xahar kienu: 4 pari msielet tad-deheb – par imsielet tad-deheb bil-ġebla – misluta xempju tal-fidda – 16-il ċurkett tad-deheb – qalb labra u brazzulett tal-fidda – diversi ex-voto u minnhom ħamsa tal-fidda; barra mix-xama', iż-żejt u l-flus.

**Ġunju, 1888:** Ir-Rigali li qalgħet dan ix-xahar il-Madonna ta' Pinu kienu 2 brazzuletti tad-deheb u 2 tal-fidda; 17-il par imsielet tad-deheb – 5 xempji u par tal-fidda; 31 ċurkett tad-deheb, 3 tal-fidda u wieħed tad-djamanti; kullana tad-deheb bi 18-il ħolqa u b'medalja; katina tal-fidda; arloġġ tal-fidda, stoċċ tal-fidda; kuruna tal-kristall imsensla bil-fidda b'medalja mdawra bi gwarniċ tal-filugranu tal-fidda; munita Amerikana ta' 20 dollaru; 13-il ex-voto tal-fidda; 2 vażetti tal-fjuri; 2 bukketti ta' ward artifiċjali; 3 kwadri oleografija; terħa ta' l-altar tal-bizzilla ta' Għawdex, u oħra ta' l-altar tal-ħarir paonazz irrakkmata bid-deheb; terħa oħra ta' l-altar prezzjuża għax-xogħol antik li fiha; u drapp tal-ħarir blu; barra minn kwantità ta' żejt, xama' u flus.

**Awissu, 1888:** Mir-rigali li qalgħet f'dan ix-xahar il-Madonna ta' Pinu, singulari u denn ta' min iġibu huwa r-rigali ta' 6 kandlieri sbieħ wisq tal-metall arġentat, ta' xogħol kollu gost u fin; frott ta' ġabra li saret bejn il-karruzzieri ta' Għawdex, li jagħarfu u jistqarru li l-konkors speċjalment tal-frustieri għas-Santwarju ta' Pinu kien għalihom veru rigal mibgħut mill-providenza. Bil-pjaċir kollu nissenjalaw dan l-att ta' tjieba u ta' gratitudni reliġjuża, li jonora mhux biss lil dawk li għamluh, 'mma kollha kemm hija l-gżira tagħna dejjem soda fil-fidi antika.

**Novembru, 1888:** Matul dan ix-xahar ġew mogħtija lill-Madonna ta' Pinu, barra minn bosta xama' żejt u flus, ġew mogħtijin ukoll Qanpiena ta' qantar u ratal u nofs rigal tas-Sinjur Neguzjant Publiju Cassar mill-Floriana; 6 kandlieri tal-metall maħdum u arġentat, rigal tas-Sinjur Neguzjant Antonio P. Vella mill-Belt; 3 trieħi waħda bajda u tnejn biex igħattu l-altar, bil-galluni u l-frenża tad-deheb; 2 kandlieri tal-fidda; katina żgħira tal-fidda bis-simboli tas-SS. Sagrament għaċ-ċavetta

tat-tabernaklu; labra tad-deheb filogranu; kullana tad-deheb wiesgħa bil-medaljun; 9 pari msielet tad-deheb u 3 xempi; par imsielet tad-deheb filogranu bil-ġebla sewda maħduma mużajk; 21 ċurkett tad-deheb; 2 iqlub tal-fidda, waħda minhom mibgħuta minn Alġier.

**Diċembru, 1888:** Ir-rigali li qalgħet il-Madonna f'dawn ix-xahrejn kienu 45 ċurkett tad-deheb u wieħed minnhom bil-fossa tad-djamanti; 2 ċrieket tal-fidda; 58 par imsielet tad-deheb u xempju; 1 labra u par imsielet ukoll tad-deheb bil-brillanti; 24 ex-voto tal-fidda; 1 salib bi 8 faċċati u salib ta' l-ebbanu bil-Kurċifiss tal-fidda; 1 katina tad-deheb; 1 kullana b'ħames buċċetti u salib tad-deheb maħdumin filogranu; 1 par ampulluzzi bil-plattin tal-kristall indurati; 4 fjuretti għall-altar tal-ħarir u ganutill tal-fidda; 1 terħa għall-altar; 1 palla, korporal u purifikatur irrakkmati bil-ħarir u palla oħra rrakkmata bid-deheb; u barra minn dawn bosta rigali oħra ta' xama', żejt u flus.

**Frar, 1889:** F'dan ix-xahar ġew mogħtijin lill-Madonna, barra minn bosta żejt u xama', 8 pari msielet tad-deheb; 18-il ċurkett tad-deheb; u żewġ imsielet xempi u ċurkett tal-fidda; 5 ex-voto u żewġ trieħi ta' l-altar.

**Marzu, 1889:** F'dan ix-xahar ġew offerti lill-Madonna ta' Pinu msielet tad-deheb 5 pari; ċrieket tad-deheb 9; brazzuletti tad-deheb u maħdumin katenella u b'qalb żgħira tad-deheb ukoll minnhom imdendla 3 pari, wegħda magħmula mis-Sinjura Orsla Cassar mill-Belt Victoria; brazzulett ieħor tad-deheb irregalat lis-Santwarju mis-Sinjur Conti Manduca b'kumpliment tax-xewqa tal-mejta martu; żewġ qlub tal-fidda, wieħed fih inċiż l-isem ta' Marija, l-ieħor imżejjen bi fjuri tal-filogranu tal-fidda; medaljun tad-deheb; żewġ imsielet tal-fidda; sitt kandlieri u ieħor seħibhom bis-salib, u l-karti tal-glorija bil-gwarniċ tal-fidda ċċiżellat, u lampier ċkejken tal-fidda wkoll, u sitt xegħat kbar, kollha mgħottijin mill-M. Rev. du Sinjur Lwiġi Albanese, Kanonku Dekan ta' Bormla.

**Lulju, 1889:** F'dawn ix-xhur ġew offeti lill-Madonna ta' Pinu pissidi tal-fidda mogħti mill-Onor, Sinjur E. V. Inglott u mis-Sinjura tiegħu; katina tad-deheb u arloġġ, qalb tal-fidda indurata; 6 ċrieket tad-deheb; 4 pari msielet tad-deheb – ex-voto tad-deheb u 3 tal-fidda; 4 bukketti ta' ward maħdum; 19-il ċurkett tad-deheb; 10 pari msielet tad-deheb; katina twila tad-deheb; medaljun tad-deheb; salib bi tmien faċċati tad-deheb maħdum filogranu; kuruna tal-madriperla bil-glorjiet u s-salib tal-fidda; ktieb ta' l-orazzjoni llegat bil-madriperla; qalb u 6 ex-voto tal-fidda; 4 trieħi għall-altar, waħda minnhom mogħtija mis-Sinjura Markiża Drago; alba biċ-ċinglu u bl-ammittu mogħtija mis-Sinjur Kavalier James Gollcher V. Konslu ta' 1-Isvezja u n-Norveġja; 10 ċrieket tad-deheb; 17-il par imsielet tad-deheb; 10 ex-voto tal-fidda, – labra tad-deheb; medaljun tad-deheb; labra, żewg imsielet u qalb tal-fidda; kullana tal-fidda biż-żibeġ maħdumin filogranu u s-salib bi 8 faċċati l-istess; brazzulett iffurmat minn 4 ċrieket tal-fidda; 5 pari msielet tad-deheb, 7 ċrieket; katina tad-deheb bil-medaljun; labra tad-deheb u par imsielet bil-brillanti; żewġ ċrieket qalb u 7 ex-voto tal-fidda; diversi bċejjeċ tal-ħarir iffjurit; 4 trieħi għall-altar; 12 il-purifikatur; palla rrakkmata bil-ħarir u d-deheb, 3 fjuretti tal-ward, barra minn dan is-soliti rigali ta' żejt, xama' u flus.

Dawn ir-rigali u ex-voto kollha juruna b'mod l-aktar ċar u elokwenti l-imħabba tal-Maltin u l-Għawdxin lejn il-Madonna, lejn Santa Marija Assunta, u fil-każ tagħna lejn il-Madonna taħt it-titlu ta' l-Assunzjoni meqjuma fis-Santwarju Nazzjonali tal-gżejjer Maltin magħrufa bħala "Ta' Pinu" ġewwa Għawdex fejn il-Madonna nfisha semmgħet leħinha lit-twajba mara tar-raba', Karmni Grima, u fejn wara l-poplu ta' dawn il-gżejjer bena wieħed mill-isbaħ u l-aqwa tempji ta' dawn il-gżejjer, għax kos, fil-gżejjer Maltin l-Assunta għandha dedikati lilha l-Kattidral u Matriċi ta' Għawdex fil-Gran Kastell, is-Santwarju-Bazilika ta' Pinu u s-Santwarju-Rotunda tal-Mosta. Liema poplu jista' jagħti xhieda aqwa minn din ta' mħabbtu lejn Marija Assunta? Tgħid dawn it-tliet tempji huma l-akbar tliet ex-voto lill-Madonna mogħtija lilha mill-Maltin u l-Għawdxin?



*Ex-voto fil-knisja ta' l-Isperanza. Ritratt: R. Chetcuti.*